# In-Nazzjon

Nru 14,305
It-Tlieta,
8 ta' Marzu, 2016
€0.80

www.netnews.com.mt




**KELB IL-BAĦAR MAQBUD MAX-XATT F'PEMBROKE.** Ir-ritratt ta' hawn fuq juri xena mhux tas-soltu f'Pembroke, ilbieraħ waranofsinhar, hekk kif persuni li kienu mexjin qrib ix-xatt raw ħuta kbira viċin il-blat. Jirriżulta li l-ħuta kien kelb il-baħar, *blue shark* ta' madwar żewġ metri. Minn informazzjoni li kiseb '*In-Nazzjon*' minn fuq il-post jirriżulta li l-kelb il-baħar kien ferut peress li kien ilu għal ħin twil jissielet mal-blat tant li deher għajjien jikkumbatti mal-mewġ biex jipprova joħroġ 'il barra. Mill-ewwel fuq il-post waslu l-Pulizija mid-distrett ta' San Ġiljan. Fuq il-post ukoll kien hemm raġel li jifforma parti minn assoċjazzjoni lokali li tħares l-annimali tal-baħar, li wkoll beda jagħti l-għajnuna tiegħu. Membru